Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 274/2018

Il-Pulizija
Spettur Maria Stella Attard

Vs

Aiman S. Farag El-Lawati

Illum 1 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Aiman S. Farag El-Lawati detentur tal-karta tal-identità bin-numru 48508A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

On the 2/1/2018 at around 08:00hrs bil-vettura HAB 294 gewwa Triq l-Erba' Qaddisin, Qormi:

1. Gieghel, halla jew ippermetta vettura bil-mutur jew vettura ohra tinstaq, minghajr licenzja tas-sewqan (Kap 65 Artiklu 15(1)(b), (3))
2. Uza, gieghel jew halla lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm-il darba, ghall-uzu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skont il-kaz, ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3(1))

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u mmultatu multa ta' €2500.00, liema multa ghandha tithallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100.00 fix-xahar, l-ewwel pagament ghandu jsir fl-1 ta' Lulju 2018, b'dan li jekk ma jsirx il-hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali hlas, il-bilanc tal-ammont dovut ghandu jkun awtomatikament konvertibbli fi prigunerija minghajr il-htiega ta' ebda att gudizzjarju iehor.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Aiman S. Farag El-Lawati, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Gunju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkancella s-sentenza appellata billi tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tieghu.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Aiman S. Farag El-Lawati huma s-segwenti u cioe`:-

a) Illi s-sentenza appellata hija wahda nulla stante li hija kjarenti mill-artikoli tal-ligi li l-appellant instab hati taghhom;

b) Illi bla pregudizzju wkoll l-ewwel imputazzjoni ma tezistix u ma taghmilx sens u l-appellant ma setax jinstab hati taghha;

c) Illi minghajr pregudizzju ghal dan l-appellant ma setax lanqas jinstab hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti u dan ghas-semplici raguni li l-Qorti ma setghetx b'mod ragonevoli u legali tasal ghal tali sejbien ta' htija tieghu minhabba r-ragunijiet segwenti:

    I. Ma gie stabbilit l-ebda reita bejn is-sewqan ta' Abdulsallam Abdalla u l-appellant. L-ebda prova ma tressqet li l-appellant ippermetta lill-istess

isuq il-vettura tieghu. L-unika prova li hemm f'dan il-kaz hija li l-gwardjani lokali waqqfu lil Abdulsallam Abdalla meta huwa kien qieghed isuq il-vettura registrata fuq ismu. Kif din il-vettura giet ghandu mhux stabbilit u kif sew qalet il-Qorti fis-sentenza taghha stess meta tghid "Il-Qorti rat li l-akkuzat ghazel li ma jixhidx u ma jgharrafx il-Qorti kif tali vettura kienet fil-pussess ta' Mohammed". Hija pero` assunzjoni gratwita tal-Qorti tal-Magistrati li l-appellant ippermetta lil Abdulsallam Abdalla isuq tali vettura. Din ma tirrizultax mill-provi;

II. Aktar inkwetanti huwa l-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ippretendiet li l-appellant kellu jgharraf 'il-Qorti kif tali vettura kienet fil-pussess ta' Mohammad. L-appellant ma hu tenut iressaq l-ebda prova u hija l-prosekuzzjoni li trid tressaq il-prova li l-appellant ippermetta lil kuginuh isuq il-vettura tieghu. F'dan il-kaz gie ppruvat li kuginuh kien qieghed isuq il-vettura tieghu b'polza ta' assigurazzjoni valida pero` l-licenzja li kellu ma kinitx tkoprih. Kif u come din il-vettura giet ghandu ma jirrizulta minn imkien sakemm wiehed ma jassumix kif ghamlet l-ewwel Qorti f'dan il-kaz;

III. Ghax persuna tkun responsabbli ta' vettura ma jfissirx li jekk din il-vettura tkun qed tinstaq minn terzi, tali persuna tkun taf b'dan. L-intenzjoni kriminali trid tigi ppruvata wkoll mhux mehuda bhala ovvja;

IV. Illi l-istess Abdulsallam Abdalla ma tressaqx jixhed fuq il-fatti tal-kaz u ghalhekk isegwi li dak kollu li seta' qal lill-gwardjani lokali ghandu biss jitqies bhala '*hearsay evidence*' u mhux prova kontra l-appellant;

V. Illi Abdulsallam Abdalla huwa wkoll ko-akkuzat u dak li jghid bl-ebda mod ma jista' jintuza kontra l-appellant;

VI. Illi fl-ahhar mill-ahhar, minn dak li rrizulta lill-gwardjani lokali kif ukoll lill-Pulizija, il-vettura in kwistjoni <u>kienet koperta</u> b'polza ta' assigurazzjoni u l-unika problema li kien hemm huwa li Abdulsallam Abdalla ma kellux licenzja tas-sewqan. Ghalhekk l-appellant ma jistax

jifhem ghalfejn gie akkuzat li ppermetta persuna li ssuq il-vettura tieghu meta din l-istess vettura ma kinitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni aktar u aktar meta l-ebda pulizija ma tkellem mieghu fuq dan il-kaz.

Rat ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Warden 31 Stephen Cassar xehed nhar it-12 ta' Gunju, 2018 u spjega kif nhar it-12 ta' Jannar, 2018 meta kien fil-kumpanija ta' gwardjan iehor hdejn ir-roundabout ta' tlett erwieh, triq il-Qaddisin, mar-roundabout tal-Lowenbrau innota vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAB-294 gejja. Din kient tal ghamla Mazda ta kulur abjad. Huwa flimkien ma E 220 waqfu lil din il-vettura u staqsew id-driver ghal-licenzja tas-sewqan. Jghid li s-sewwieq kellu l-licenzja international u huwa jaf li tali licenzja tkoprik biss ghal-perijodu ta' sena minn meta tkun hawn Malta u skond l-ID card Maltija tieghu dan kien qabez perijodu ta' sena li kien hawn Malta.

Mistqosi min kien qed isuq i-vettua jghid li kien Mohammed Abdulsalam Abdalla bil-karta tal-identita' numru 143314A. Qal li ma kienx l-akkuzat li kien qed isuq. Mistoqsi jekk talbux lis-sewwieq li waqfu ta' min kient il-karozza ighid li le ma staqsewhx ghaliex hallew kollox f'idejn il-pulizija bhala investigazzjoni.

Karen Cremona xehdet ghan-nom u in rappresentanza ta' transport Malta u kkonfermat li l-persuna li ghandha l-karta ta identita numru 143314A m'ghandhiex driving license Maltija. Mistoqsija f'isem min hi registrata il-vettua tal-ghamla Mazda nurmu ta' registrazzjoni HAB 294 tghid li qieghda f'isem S Farag El LAwrati karta tal-identita' numru 48508A u ilha hekk registrata fuq ismu sa mill-25 ta' Frar, 2016.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti a fol 19 mehuda minn PS 274 James Turner. Minn esami ta' din l-istqarrija jirrizulta li fit-2 ta Jannar 2018, il-pulizija distrettwali gew infurmati minn gwardjan lokali dwar vetturi li twaqfu minnhom u l-itess xufieria kienu minghajr licenzja jew licenzja adegwata sabeix ikunu jsitghu isuqu vetturi gewwa l-gzejjer Maltin. Dawn il-vetturi gew imwaqqfa minn REO Steve Cassar u G663 Matthew Micallef gewa Triq l-Erba' Qaddisin, Qormi.

L-ewwel vettura li twaqqfet ghal hinijiet ta' 8.00a.m. kienet dik tal-ghamla Mazda bin-numru ta' registrazzjoni HAB 294 misjuqa minn Abdalla Mohamed Abdilsallam

Addalla fejn dan ipprovda Internatinal driving license mahrug fil-11 ta Dicembru, 2017 minn gewwa l-Libya.

Mistoqsi jekk l-indirizz huwa wiehed tajjeb huwa kkonferma, li dak tal-karta tal-identita' huwa l-indirizz validu waqt li n-numru tac-cellulari tieghu huwa 77116434. Mistqosi ta' min huwa l-vann misjuq minnu jghid li hu ta' kuginuh ghax jahdem mieghu fil-kisi, fejn dan ipprovda polza ta' assigurazzjoni fuq l-isem ta' Aiman Farag el Llawati. Huwa gie infurmat li ma setghax isuq il-vettura gewwa Malta ghal fatt li minn stharrig li sar mas-sezzjoni tat-traffiku fi hdan il-korp tal-pulizija jirrizulta li wara sena ufficcjalment residenti Malta, Abdalla ma setghax isuq permzz ta' interntional license ghal zmien itktar minn sena mid-data ta meta nhargitlu. Huwa gie infurmat b'dan kolu u li kienu ser jinhargu xi charges.

Illi l-appellant kif kellu kul dritt ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat,

L-appellant ghandu diversi aggravji li ser jigu trattati wiehed wiehed, ghalkemm mhux necessarjament fl-ordni li tqajjmu.

Illi fl-ewwel lok l-appellant jistqarr li is-sentenza mghotija mill-ewwel Qorti hija nulla ghaliex hija karenti mill-artikoli tal-ligi li l-appellant instab hati taghhom.

Illi, kif dejjem gie ritenut, in-nuqqas t' osservanza ta' dak li hemm provvdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali w indubbjament dan in-nuqqas tal-Ewwel Qorti jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza w tiddeciedi l-kawza hi stess fuq il-mertu, meta ssib li tkun inkisret jew li ma saritx xi formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita' jew li tkun xort' ohra sostanzjali a tenur tal-artikolu 428 (3) tal-istess Kodici Kriminali. (Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**[1]" u ohrajn )

Jinghad li l-ewwel Qorti ghogobha ticcita l-artikoli tal-ligi fis-sentenza izda mhux fil-parti disposittiva taghha. L-aggravju jikkonsisti billi l-appellant stqarr li l-ewwel qorti ma indikatx (fis-sentenza taghha) liema artikoli tal-ligi inkisru mill-appellant in

[1] Deciza nhar it 3 ta Frar, 1995

relazzjoni ghal liema imputazzjoni. Dana l-aggravju hu infondat. Presumibbilment l-appellant qed jilmenta li ma gietx osservata l-formalita` -- jew xi formalita` -- skond l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

Dana l-artikolu, li jirrikjedi li s-sentenza ghandha "…*ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat*", ma jirrikjedix li, jekk ikun hemm aktar minn imputazzjoni wahda, id-diversi artikoli msemmija jridu jissemmew kull wiehed in relazzjoni ghal kull wahda mill-imputazzjonijiet u lanqas ma isemmi li l-artikoli ghandhom jissemmew necesarjament fil-parti ahharija tasentenza. Li jesigi l-artikoli382 huwa li l-artikoli fejn il-Qorti qed issib htija jisemmew fis-sentenza ut sic .

Il-prassi kemm tal-Qrati Inferjuri kif ukoll tal-Qorti Kriminali u ta' din il-Qorti (anke meta tkun komposta minn tlett imhallfin) hi li f'xi parti tas-sentenza -- normalment jew qabel id-decide jew qabel il-paragrafu li jsemmi l-piena – fl-linja wahda u wara xulxin jigu ndikati d-diversi disposizzjonijiet tal-ligi li jkunu jikkontemplaw id-diversi reati. Hekk ukoll sar fil-kaz in dizamina, kif jirrizulta mill-paragrafu ta' qabel l-ahhar tas-sentenza. (vide is sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Zahra**[2] )

Dan jissodisfa l-vot ta' l-Artikolu 382 imsemmi. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

Fit-tieni lok l-appellant jsitqarr li l-ewwel imputazzjoni ma tezistix u ma tghamilx sens u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati taghha. L-prosekuzzjoni ghogobha takkuza lill-appellant fl-ewwel lok skond l-artikolu 15 (1) (b) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*"Kull min…*

*b) iġiegħel, iħalli jew jippermetti li l-vettura bil-muturjew vettura oħra tiegħu tinsaq minn persuna li ma jkollhiex il-liċenza meħtieġa biex issuq vettura bil-muturjew vettura oħra, ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multata' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerijata' mhux iżjed minn sena"*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru, 2002

Illi ghalkemm l-kliem uzati fic-charge mhumiex esatti bhal dawk li jinsabu fit-test tal-Ligi ma jfissirx li l-akkzua ma tesistix. L-prosekuzzjoni ma hix obbligata li tipproduci verbatim il-kliem tal-ligi u lanqas li tipprovdi l-artikolu tal-ligi tar-reat li qed takkuza lil dak li jkun bih. Li hu important stanteli l-akkzua hija biss avviso di comparirire li l-akkuzat ikun jaf in-natura tal-akkuza u minn dak li jirrizulta juri li l-appellant kien f'posizjoni li jidefendi lilu innifsu ta' din l-ewwel akkuza ghalhekk din it-tieni aggravju qed jigi respint ukoll.

Dwar il-mertu l-Qorti ghadnha is-segwenti kummenti x'taghmel. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll filkaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**<u>Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et</u>**.[3]" [12.5.94; "**<u>Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi</u>**[4]" [14.2.1989]; "**<u>Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace</u>**[5]" [31.5.1991]; "**<u>Il-Pulizija vs. Anthony Zammit</u>**[6]" [31.5.1991] u ohrajn .)

---

[3] Deciza fit-12 ta Mejju 1994

[4] Deciza fl-14 ta Frar 1991

[5] Deciza fil-31 ta Mejju 1991

[6] Deciza fil-31 ta Mejju 1991

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**[7]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from*

*the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.*" (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[8]", inghad illi :-

"*Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…., il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill versjoni minnhom emmnuta.*"

Illi fil-kaz in desamina l-prosekuzzjni kellha tipprova fl-ewwel lok li kien l-appellant li fil-fatt gieghel jew awtorizza lil Mohammed Abdulsalam Abdalla bil-karta tal-identita' numru 143314A isuq il-vettura tieghu meta kien jaf li ma kienx kopert b'licenzja tas-ewqan u li ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Kuntrarjament

[7] ([1969] 1 QB 276)

[8] Deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994

ghal dak li hemm imfisser fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti ma hux rikjest li l-appellant jipprova kif il-vettura tieghu spiccat f'idejn il-kugin tieghu u cioe Mohammed Abdulsalam Abdalla izda hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li kien l-appellant li ta' l-vettura tieghu lil kuginuh biex tinstaq minnu. Kuntrarjament ghal dak li qalet l-Avukat Generali f'dan ir-reat il-prosekuzzjoni trid tipprova azzjoni diretta tal-appellant li huwa ippermetta l-uzu tal-vettura tieghu minn persuna li ma kienx kopert b'licenzja tas-sewqan. Mhux korrett l-interpretazzjoni li tat l-Avukat Generali li l-prosekuzjoni kellha tipprova li s-sewwieq Mohammed Abdulsalam Abdalla instab fil-vettura tal-appellant u allura ergo' dan ifisser li l-appellant hallih isuq bil-konoxxenza tieghu. Izda l-prosekuzzjoni trid tmur oltre u tipprova li Mohammed Abdulsalam Abdalla kien fil-vettura wara li kien inghata l-permess spsecifiku minghand sid il-vettua u cioe' minghand l-appellant. Il-fatt li Mohammed Abdulsalam Abdalla kien fil-vettura ma ifissrx awtomatikament li kellu l-permess minghand l-appellant. Hawnhekk il-ligi ma tipprova l-ebda shift fl-onus. Kuntrarjament ghal dak li iddecidiet l- ewwel Qorti il-fatt li Mohammed Abdulsalam Abdalla instab fil-vettura prorpjeta' tal-appellant ma jfissirx li l-appellant huwa responabbli ghas-sewqan tieghu.

Dan ukoll qed jinghad fir-rigward it-tieni akkuza u cioe' dik naxxenti mill-atikolu 3 tal-Kap 104 u cioe' li l-appellant awtorizza lil Mohammed Abdulsalam Abdalla isuq il-vettura meta kien jaf li ma kienx kopert bil-polza ta' sigurta. Hawnhekk ukoll il-prosekuzzjoni kellha tipprova hi li l-appellant silef jew awtorizza lil Mohammed Abdulsalam Abdalla isuq il-vettura tieghu. Hawnhekk m'hawn l-ebda shift fl-onus. Dan mhux il-kaz fejn l-aeppallant intab isuq il-vettua u kien jispetta lilu jipprova li kien kopert bi polza ta' sigurta. Dan hu reat differenti fejn m'hemmx shift fl-onus. Il-prosekuzzjoni kellha tipprova li kien l-appellant li awtorizza is-sewqan minn Mohammed Abdulsalam Abdalla u fit- tieni lok tipprova li s-sewwieq ma kienx kopert b'tali polza ta' sigurta. Zgur li f'dan il-kaz l-provi huma nieqsa.

Ghaldqstant din il-Qorti hi tal fehma li hu safe and satisfactory li tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u b'hekk qieghda tilqa' l-appell tal-appellant u qieghda

thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imptuazzjoni u htija.

(ft) Dr. Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur